MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2002

Numru 29/2002

**Il-Pulizija
(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Emanuel Cassar ta' 43 sena, iben Anthony u Carmela nee Dunlea, mwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju, 1958, residenti fl-indirizz 24, Bazzaro Lane, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 497658 (M).**

**Illum 6 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emanuel Cassar li gie akkuzat talli bejn it-3 ta' Jannar, 1998 u t-8 ta' Mejju,

2001, f'dawn il-gzejjer bhala ufficjal pubbliku, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm 1000 bi hsara tal-Gvern ta' Malta. Bi ksur ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u cioe s-salarju li rceva ghal xoghol f'dati u cirkostanzi li fil-fatt kien assenti minghajr permess. Bi ksur ta' l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat. Bi ksur ta' l-artikoli 188, 189 u 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew xjentement ghamel uzu mill-imsemmija att jew skrittura falza. Bi ksur ta' l-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi bhala fatt il-Qorti tqis li gie sufficjentement ippruvat dak allegat mill-Prosekuzzjoni, u cioe, li l-akkuzat waqt li kien ikun bis-sick jew sahansitra gieli xoghol kien ikun imsiefer gewwa l-Libja.

Jekk dan hux pruvat sal-grad li trid il-ligi bil-mezzi li trid il-ligi hija kwistjoni ohra li qajmet id-Difiza in linea preliminari. Ghandha ragun, u dan huwa ghal kollox retoriku, id-difiza meta tghid li l-ahjar prova tas-safar huwa l-passaport (anke fin-nuqqas ta’ provi ohra f’dan ir-rigward). Il-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz ipprezentat vera kopja tal-passaport, kopja skond l-Ufficjal Prosekutur minnu stess maghmula u awtentikata. Spjega li ghamel dan ghax l-akkuzat kellu bzonn il-passaport u ma hassx li jkun gust li jzommulu. Minhabba f’dan il-gest tal-Prosekutur, id-Difiza qed teccepixxi li f’dan il-kaz ma ngabitx l-ahjar prova. Ghalkemm il-bon animo tal-Ufficjal Prosekutur huwa wiehed ammirevoli biex jigu evitati simili cirkostanzi kien ikun ahjar kieku gie esebit l-original tal-passaport u jekk jinqala’ l-bzonn tas-safar l-akkuzat kien jaghmel l-appozitu rikors gewwa l-Qorti. Il-Qorti ghalkemm tqis li passaport, anzi kopja tieghu hija prova ammissibbli pero’ ma tqisx li hija l-ahjar prova. Dan bla ma trid li tigi interpretata li qeghda b’xi mod tiddubita fl-Ufficjal Prosekutur.

Min-naha l-ohra taqbel ma’ l-Ufficjal Prosekutur li ghamel referenza ghall-istqarrija ta’ l-istess akkuzat. Lanqas ma gie kontradett il-kontenut tar-rapport esebit mill-Ufficjal Prosekutur (Dok EC5) fil-kontenut tieghu. Pero’ l-prova regina tibqa’ dejjem l-istqarrija ta’ l-akkuzat, cioe’ Dok EC.

Emanuel Cassar ammetta s-segwenti: li kien ikun imsiefer filwaqt li kien ikun jidher li hu sick leave, li gie li kien jinqabad barra u ghalhekk icempel sick, li jista' jkun li kien jippjana s-sick leave minn qabel biex ikun jista' jsiefer waqt l-istess, tant li kien jaghmel ic-certifikati qabel ma jsiefer. Qal "Kont immur ghand it-tabib u peress li nbati b'dahri kont nghidlu li kien ikolli dahri jugghani u kont nitolbu johrogli certifikat. Kont naghmel ta' bir-ruhi li qed inwegga' meta t-tabib kien jinvistani ghaliex inkella ma kienx johrogli certifikat." Lanqas ma eskluda li kien hemm granet fejn hu kien imsiefer pero' kien jidher li kien xoghol.

In vista tal-provi kollha prodotti l-Qorti tqis li bhala fatt l-akkuzat kien ikun imsiefer meta kien jidher li hu sick jew sahansitra xoghol.

Ir-reat li gie addebitat bihom l-akkuzat huma dawk ikkontemplati fl-artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294 u 310, 188, 189, 190, 183 u 184 ilkoll tal-Kap 9.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li r-reat ta' misapproprjazzjoni indebita fil-kaz in dizamina ma jirrizultax inkwantu hawn non si tratta ta' uzu ta' oggett ta' haddiehor bl-obbligu tar-radd tal-haga jew uzu taghha b'mod specifiku. Manka f'dan ir-reat element baziku tal-mizappropjazzjoni indebita cioe dak tal-"fiducja". Ghaldaqstant qed jigi liberat mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu lanqas ma tista' tinstab htija taht ir-raba' akkuza inkwantu hawn ma saret ebda falsifikazzjoni f'ebda wahda mill-atti skritturi msemmija fl-artiklu 183 u anqas ma sar uzu ta' att hekk iffalsifikat skond l-art 184. Jigi premess ukoll li b'nota gie accettat mid-
Difiza u dan biex jigi evitat ezami ta' espert kaligrafiku, li kull firma fuq l-attendence sheets li tidher li hi ta'l-akkuzat giet minnu ffirmata.

Min-naha l-ohra l-qorti tqis li jezistu l-elementi tat-truffa taht l-artikolu 308 inkwantu zgur b'mezzi kontra l-ligi u b'ingann l-agent ghamel qligh ghalih ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. L-elementi kardinali tal-messa in scena f'dan ir-reat hawn huwa car u ben pruvat b'ammissjoni stess ta' l-akkuzat bl-uzu ta' l-ugigh tad-dahar li bhala

effett dirett uzat biex jinganna assikuralu hlas ta’ paga mhux lilu dovuta. Ovvjament l-art 309 huwa in kwantu reat minuri hekk imsejjah truffa semplici assorbit fl-artikolu precedenti.

Tqis li hemm htija wkoll taht l-artikolu 188 tal-Kap 9, certament attendence sheet huwa dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika fit-test Ingliz “in any document intended for any public authority”. Certament ukoll il-fatt li wiehed jiffirma attendenza meta sahansitra jkun imsiefer qieghed jaghmel dikjarazzjoni falza kif ukoll jaghti taghrif falz dwar is-suppost prezenza tieghu fuq il-post tax-xoghol. Dwar il-piena rat l-artikolu 308, 309, 310 (rat ukoll f’dan ir-rigward id-dokument VT esetib a fol 66), rat l-artikolu 188 ilkoll tal-Kap 9. Rat l-art 31 u l-artikolu 18 ta’ l-imsemmi Kap.

Rat ukoll il-fedina penali ta’ l-akkuzat li hija wahda kompletament netta, ghalkemm tqis li dan ir-reat huwa wiehed serju pero’ anke minhabba l-effetti prospettati taht l-artikolu 189 se tapplika l-provediment ta’ l-art 9 tal-Kap 152 ghal tliet snin mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.